# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 06 ta' Settembru 2021**

**Kawza Numru: 2**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 816/2021 JVC**

**Doris Laferla (K. I. 671125M); Josef Curmi (K. I. 372960M); Marie Therese Pisani (K. I. 758953M); Jean Curmi (K. I. 138452M)**

**vs**

**Rita Agius (K. I. 134658M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Doris Laferla et permezz ta' rikors bil-procedura tal-giljottina fit-termini tal-artikolu 167 u 170 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta , kkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti huma lkoll proprjetarji tal-fond 193 gja 175, Triq il-Kuncizzjoni, l-Imsida, kantuniera ma' Sqaq il-Wied, liema fond huma kienu kkoncedew b' titolu ta enfitewsi temporanja lill-intimata Rita Agius u l-mejjet zewgha Amadeo Agius, ghal perijodu ta tnax-il sena mill-15 ta' Gunju 2009, u dan b kuntratt tat-12 ta' Jannar 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha, "Dokument A" hawn anness.

2. Illi din il-koncessjoni enfitewtika temporanja skadiet fl-14 ta Gunju 2021, u minkejja li l-intimata giet interpellata biex tizgombra mill-fond, hija baqghat inadempjenti.

3. Illi ai termini tal-Att XXXI tal-1995, gialadarba l-koncessjoni enfitewtika temporanja inghatat wara l-1 ta Gunju 1995, l-intimati m ghandhiex dritt tibqa fl-okkupazzjoni taht titolu ta kera ai termini tal-Artikolu 12, u dan kif jiddisponi l-Artikolu 16.(1) tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta Malta u cioe illi d-disposizzjonijiet tal-artikolu 5(2) sa (5), tal-artikolu 7, tal-artikolu 10 u tal-artikolu 11 ta' din 1-Ordinanza, magħandhomx ikunu japplikaw għall-kiri ta' xi dar li jsir fl-1 ta'Ġunju, 1995 jew wara dik id-data.

4. Illi l-intimata sa fejn jafu r-rikorrenti, m'għandhiex difiża x'tagħti kontra t-talba tar-rikorrenti.

5. Illi r-rikorrenti jafu lilhom nfushom bil-fatti kif fuq esposti u Josef Curmijikkonferma dan bil-ġurament tieghu u bl-affidavit tieghu "Dokument B" hawn anness.

Ghaldaqstant, jghidu l-intimati, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensat

mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 u 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghalhiex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

(I) Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-atturi bid-dispensa tas-smiegh tar-rikors ai termini tal-Artikoli 167 u 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

(II) Tordna l-izgumbrament tal-intimata mill-fond 193, Triq il-Kuncizzjoni, l-Imsida, fi zmien qasir u perentorja li jigi lilhom iffissat minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni tal-intimati in subizzjoni.'

Rat il-kuntratt esebit a fol. 3 et seq tal-process fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Henry Sciriha li permezz tieghu jirrizulta li appuntu r-rikorrenti bhala sidien tal-fond in kwistjoni taw b'cens temporanju lill-intimata Rita Agius, il-fond 193 gia 175, Triq il-Kuncizzjoni, l-Imsida ghal cens temporanju ta' tnax-il sena li beda mill-15 ta' Gunju 2009 u skada fl-14 ta' Gunju tal-2021;

Rat l-affidavit ta' Josef Curmi datat 12 ta' Awwissu 2021 li jikkonferma l-istess kuntratt u kif ukoll id-data tal-iskadenza tac-cens temporanju u cioe` l-14 ta' Gunju 2021;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet illum stess;

Rat in-nota ta' Rita Agius datata 2 ta' Settembru 2021;

Rat illi wara li semghet it-trattazzjoni din il-Qorti ghaddiet sabiex laqghet l-ewwel talba tar-rikorrenti sabiex il-kawza tinstema' bid-dispensa tas-smiegh;

Rat illi r-rikorrenti ppruvaw sal-grad rikjest mil-Ligi illi l-proprjeta' in kwistjoni hija proprjeta' taghhom u giet mghoddija b'titolu ta' koncessjoni enfitewtika lill-intimata bid-data tal-iskadenza kienet dik tal-14 ta' Gunju 2021, fil-fatt dan l-istess kuntratt u cioe' l-koncessjoni emfitewtika in kwistjoni llum skadiet;

Rat illi l-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta, imsemmi fin-nota tal-intimata, ma japplikax ghall-kaz odjern u dan stante dak li jghid l-Artikolu 16 (3) tal-istess Kap 158. Dan kif fuq kollox esponew l-istess rikorrenti fir-rikors taghhom;

Jirrizulta ghalhekk illi llum il-gurnata l-intimata m'ghandha l-ebda titolu validu fil-Ligi sabiex tibqa' tirrisjedi fil-fond in kwistjoni.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel talba sorvolata;

2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tordna l-izgumbrament tal-intimata Rita Agius mill-fond 193 gia 175, Triq il-Kuncizzjoni, l-Imsida fi zmien massimu ta' tliet (3) xhur millum.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess intimata.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**6 ta' Settembru 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**6 ta' Settembru 2021**